# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2002**

**Numru**

**Citaz. numru: 389/95 M1 NA**

**Rita Wilson**

**vs**

**Peter Thomas Wilson**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-23 ta' Marzu 1995 fejn ippremettiet:

"Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fil-5 ta' Jannar 1983, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u markat bhala Dokument "A";

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb b;-eskluzjoni pozitiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini ta' l-Artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet;

TALBET li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnha esibiti.

Il-konvenut, debitament notifikat fit-3 ta' Marzu 1997, m'ghamilx l-eccezzjonijiet tieghu skond il-ligi u waqa' kontumaci. Dan nonostante fis-seduta tat-3 ta' Gunju 1997 il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Francesco Depasquale biex jigbor il-provi u jirrelata.

B'nota tas-16 ta' Dicembru 1997 l-attrici pprezentat ix-xhieda taghha u ta' diversi mix-xiehda permezz ta' affidavits fil-waqt illi b'nota tal-5 ta' Mazu 1998 giet ipprezentata b'affidavit ukoll ix-xhieda tal-konvenut. Ir-rapport gie pprezentat u mahluf fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2001. L-attrici, tramite d-difensur taghha, irrimettiet ruhha ghar-rapport peritali, il-konvenut ma deherx u l-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Il-Perit Legali wara li kkonsidra l-provi mressqa kkummenta illi "*Il-fatti kif esposti mill-partijiet huma cari hafna - huma kellhom relazzjoni meta kienu zghazagh, kellhom relazzjonijiet*

*sesswali li wasslu ghat-tqala ta' l-attrici, il-genituri saru jafu u rieduhom jizzewgu w il-partijiet ma opponewx ghar-rieda tal-genituri taghhom minkejja li kienu mdejqin b'dina s-sitwazzjoni.*"  Wara li ghamel din il-konstatazzjoni l-Perit Legali ezaminaha fil-parametri tal-provvedimenti tal-ligi fir-rigward u cioe' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.  Huwa wasal ghal konkluzzjoni illi filwaqt li ma kienx hemm bazi legali biex dan iz-zwieg jigi annullat a tenur tas-sub-incizi (f) u (g) ta' l-Artikolu 19 (1) ta' dan il-Kapitolu fir-rigward tas-sub-inciz (g) invece deherlu illi "*l-esponent jhoss illi z-zwieg tal-partijiet jista' jigi annullat abbazi ta' dana l-kap ta' ligi, t-tort ta' dan, izda, huwa imputabbli liz-zewg partijiet ugwalment.*"

Ikkunsidrat:-

Il-Qorti tikkondividi dan l-apprezzament tal-punti ta' fatt u ta' dritt li wasal ghalihom il-Perit Legali.  Diversi mill-fatturi li wasslu ghat-tfarrik ta' dan iz-zwieg imsemmija fix-xhieda moghtija setghu jwasslu b'success ghal sentenza ta' firda personali pero' mhux ghal wahda ta' annullament. Effettivament jekk il-kunsens huwa wiehed validu fil-mument

taz-zwieg dak li jigri wara huwa totalment irrilevanti ghal fini ta' kawza ta' din in-natura.

Jirrizulta pero' f'dan il-kaz kif tajjeb irrimarka l-Perit Legali illi ebda wahda mill-partijiet ma ried jidhol ghal dan iz-zwieg u li z-zwieg gie impost fuqhom mill-ommijiet rispettivi. Ix-xhieda moghtija mill-konvenut f'dan ir-rigward tispjega fattwalment x'gara meta l-genituri skoprew li l-attrici kienet tqila:

> "*Ftit jiem wara ltaqghu ommi u omm Rita u dawn iddecidew mal-ewwel li ahna kellna nizzewgu u bdew jiddiskutu l-arrangamenti ghat-tieg. Jiena sirt naf minghand ommi b'din id-decizjoni u lanqas biss inghatajt l-opportunita' li nlissen l-opinjoni tieghi.*
>
> *Ghalkemm jiena qatt ma kelli hsieb li nizzewweg u fil-fatt ma ridtx nizzewweg lil Rita, jiena xorta wahda ma opponejtx ghad-decizjoni tal-genituri taghna. F'dak il-perjodu kull tfajla li tinqabad tqila, il-guvni kien ikollu jizzewwigha u ghalhekk jiena konsegwenza ta' din il-mentalita' ma rribellajtx bl-ebda mod. Sija jiena kif ukoll Rita konnha rrassenjati ghad-decizjoni mehuda minnhom, ghalkemm it-tnejn konnha mdejqin ferm.*
>
> *Nikkonferma li ommi kienet hallset ghall-festin li konnha ghamilna wara l-quddiesa. Jiena u Rita lanqas biss involvejna ruhna fil-preparamenti tat-tieg. Malli wasal il-jum, u cioe' erba' gimghat wara li omm Rita saret taf bit-tqala, ahna sibna kollox lest u zzewwigna.*"

Din ix-xhieda u xhieda ohra li giet ezaminata mill-Qorti jwassluha ghall-konvincement morali illi fil-mument tal-kunsens dan il-kunsens kien wiehed ivvizzjat peress illi ebda

wahda mill-partijiet ma ghamlet gudizzju serju fuq dak li tfisser il-hajja mizzewga u fuq dak li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali ta' din il-hajja mizzewga.  Ghalihom iz-zwieg kienet imposizzjoni tal-genituri liema decizjoni ma dehrilhomx illi kellhom jikkontestaw minghajr ma qiesu, f'dak il-mument, proprju x'kien ifisser iz-zwieg fih innifsu u fil-konsegwenzi tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet in aggiunta ma' dawk moghtija mill-Perit Legali din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Minkejja illi l-Qorti taqbel ukoll illi t-tort huwa imputabbli liz-zewg partijiet b'mod ugwali fil-kontumaci tal-konvenut jidhrilha illi l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu minnu.

Deputat Registratur

rf.